MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 109/2012

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta:

1. Illi l-partijiet izzewgu f'Malta nhar is-sitta ta' Gunju tas-sena elf disa' mija, sebgha u tmenin (06/06/1987).

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, M u N li twieldu nhar it-tmienja u ghoxrin t'April tas-sena elf disa` mija u disgha u tmenin (28/4/1989) u nhar is-sitta u ghoxrin ta' Lulju tas-sena elf disa` mija tlieta u disghin (26/7/1993) rispettivament, u ghalhekk ghandhom tnejn u ghoxrin (22) sena u tmintax (18) –il sena rispettivament, u ghalhekk huma t-tnejn maggorenni.

3. Illi dan iz-zwieg tkisser irremedjabbilment u l-partijiet kienu gew debitament awtorizzati permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti ta’ nhar il-15 ta’ Dicembru tas-sena elfejn u tmienja (15.12.2008) sabiex jipprocedu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni personali;

4. Illi ghalhekk is-separazzjoni personali bejn il-partijiet hija regolata permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali in atti tan-Nutar Dottor Fiona Galea Farrugia datat tlieta (3) ta’ Marzu tas-sena elfejn u disgha (2009). Kopja legali hawn annessa u mmarkata Dok A;

5. Illi l-esponenti ghexu separatament ghal perjodu ta’ aktar minn erba’ snin, sa mis-16 ta’ Lulju 2007;

6. Illi ma hemmx possibilita' li l-partijiet jergghu jirrikonciljaw;

7. Illi l-manteniment qieghed jithallas skont kif miftiehem bejn il-partijiet.

8. Illi ghalhekk r-rekwiziti tal-Artikolu 66B huma kollha rispettati, kif tirrikjedi l-ligi.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

a) tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet nhar is-sitta ta’ Gunju tas-sena eld disa’ mija, disgha u tmenin (28/4/1989) jigi mahlul u dikjarat bhala xolt;

b) tordna li d-digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti jigi notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan il-hall taz-zwieg jigi debitament registrat skond il-ligi; u

c) taghti kull provvidiment ulterjuri li din il-Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

Rat id-digriet taghha tas-7 ta’ Marzu, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi dikjarat mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-3 ta’ Marzu 2009, izda ghixu separatament ghal perjodu ta’ aktar minn erba’ (4) snin u precizament sa mis-16 ta’ Lulju 2007;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi qieghed ihallas il-manteniment skond kif miftiehem bejn il-partijiet;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tiddikjara illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet huwa mahlul u xolt u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat skond il-Ligi;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------